TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DEĊIŻJONI NUMRU 2323

Chairperson: Dr. Charmaine Cristiano Grech

Każ Numru: 3029/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

Bejn

Albert Falzon

U

Melita Mobile Limited

Dwar: talba ghal bdil fl-istatus tal-impjieg

Illum 6 ta' Novembru 2014

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali, diversement kompost, permezz ta' rikors b'talba ghal bdil fl-istatus tal-impjieg. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

Preliminari:

Albert Falzon, ir-rikorrenti ssottometta illi huwa gie ngaggat mis-socjeta' intimata Melita Mobile Ltd fil-11 ta' April 2011 bhala persuna responsabbli mill-Mobile Shop Trailer tas-socjeta' ntimata u r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet regolata permezz ta' kuntratt datat 6 ta' April 2011. Il-klawsola numru 5(e) tal-kuntratt jistipula illi dan m'ghandux jitqies bhala kuntratt t'impjieg u li r-rikorrenti ghandu jitqies bhala self-employed. Fit-31 ta' Jannar 2012 dahlet fis-sehh l-Ordni tal-2012 ta' Standard Nazzjonali dwar l-

Istatus tal-Impjieg (L.N. 44 tal-2012), liema ordni tirregola l-istatus tal-impjieg ta' persuni li huma dikkjarati self-employed u ai termini tal-Artikolu 3(1) ta' LN 44/12 persuna li l-istatus ta' mpjieg taghha huwa ta' persuna self-employed u li prima facie mhux kunsidrata bhala impjegata, ghandha tigi prezunta bhala impjegata u li l-persuna ghal min is-servizz ikun qed jigi pprovdut ghandha titqies bhala l-principal diment li din tissodisfa almenu hamsa mill-kriterji stabbilita taht dan l-artikolu. Ir-rikorrenti ddikjara li huwa jissodisfa dawn il-kriterji u fil-kaz odjern ma saret l-ebda talba lid-Direttur sabiex ir-relazzjoni ta' bejnu u s-socjeta' intimata tigi ezentata milli titqies bhala wahda ta' mpjieg u la darba r-rikorrent jissodisfa almenu hamsa mill-kriterji elenkati fl-artikolu 3 tal-ordni de quo ai termini tal-artikolu 4 tal-istess ordni l-intimat ghandu jigi ikkunsidrat li gie ingaggat bhala impjegat b' kuntratt indefinit tas-socjeta' intimata. Fit-3 ta' Frar 2012 l-esponenti rcieva *notice of termination* fejn gie nfurmat li skont klawzola nru (2) tal-kuntratt, il-perjodu ta' ngagg tieghu jiskadi fil-11 ta' April 2012. L-Artikolu 7 ta' L.N.44/12 jistabilixxi illi l-principal ghandu jibghat ittra ta' ingagg jew dikjarazzjoni ffirmata lill-impjegati fi zmien tmien gimghat mid-dhul fis-sehh ta' din il-L.N., haga li s-socjeta' intimata naqset milli taghmel. Nonostante interpellazzjoni permezz t'ittra datata l-10 ta' April 2012 sabiex ir-rikorrenti jigi kkunsidrat bhala impjegat tas-socjeta' intimata, l-istess socjeta' intimata naqset milli taghraf lir-rikorrenti bhala impjegat taghha ai termini tal-ligi. Ir-rikorrenti ghaldaqstant jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara lir-rikorrent qua self-employed ingaggat mas-socjeta' intimata b'kuntratt datat 6 ta' April 2011 jissodisfa almenu hamsa mill-kriterji tal-artikolu 3(1) tal-L.N.44/12, jiddikjara illi konsegwentament ir-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' intimata hija wahda ta' impjieg indefinit ai termini tal-artikoli 3 u 4 tal-L.N. 44/12, jiddikjara illi s-socjeta' intimata naqset milli ssegwi l-obbligi taghha ai termini ta' L.N.44/12 billi ma nfurmatx lir-rikorrent dwar it-tibdil fil-kuntratt tieghu minn wiehed ta' ingagg self-employed ghal wiehed ta' impjieg, jiddikjara illi t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu da parti tas-socjeta' intimata kien iggustifikat u jikkontravvjeni dak provdut f'L.N. 44/12 u jordna lis-socjeta' intimata tirrezumi l-ingagg tal-esponenti bhala wiehed ta' impjieg indefinit u jordna lis-socjeta' intimata sabiex tirrimedja ghal komportament taghha fil-konfront tar-rikorrent u dan billi l-istess socjeta' intimata tikkumpensa kull telf li sofra, qed isofri jew jista' jsofri sakemm jinghataw ir-rimedji mitluba.

Is-Socjeta' Intimata ddikjarat illi r-rikorrent kien imqabbad biex jissuplixxi servizz lis-socjeta' intimata, konsistenti fl-irmunkar permezz ta' vettura tar-rikorrent ta' trailer proprjeta' tas-socjeta' intimata minn post ghal post skont il-ligijiet tas-socjeta' intimata u ai termini tal-kuntratt liberament accettat u ffirmat mill-partijiet, ga ezibit mir-rikorrent. Dawn is-servizzi ma humiex parti mill-core business tal-intimati, ma hemm hadd impjegat illi jissuplixxi xi servizz simili fil-gerarkija tas-socjeta' intimata, r-rikorrent mhuwiex soggett ghal xi direzzjoni partikolari dwar kif jezegwixxi x-xoghol tieghu (ghajr ghal direzzjoni partikolari dwar fejn it-trailer ghandu jittiehed) u ghal kull aspett tax-xoghol kien responsabbli hu, nkluz jekk ikun il-kaz illi jqabbad lil min jghinu fix-xoghol jew jissostitwieh jekk ikun il-kaz.

**<u>Gabra tax-Xhieda fil-qosor:</u>**

Ir-rikorrenti xehed illi l-ftehim li hu kellu mal-Melita jinkwadra ruhu f' L.N. 44/12 fis-sens li mhuwiex wiehed ta' self-employed imma issa huwa ta' mpjieg u fl-opinjoni tieghu hu jikkwalifika ghall-kriterji kollha li hemm imnizzlin fir-regolament 3(1) minhabba li hu kien idahhal somma ta' flus talli jgorrilhom il-

Mobile Shop li kellhom. Hu dahhal €17,500 plus VAT li jammontaw ghal €20,650. Apparti mal-Melita, kien jahdem part-time mas-St James Hospital. L-introjtu mis-St James kien ta €2,016. Dwar it-tieni kriterju r-rikorrenti xehed li hu prattikament kien jircievi telefonata jew e-mail minghand Brian Micallef li kien il-persuna inkarigata mill-Mobile Shop u mir-retail sales li kien itih is-schedule tax-xoghol fejn irid isir minn gimgha ghal gimgha. Xogholu kien li filghodu jaqbad il-vann, jiehdu fuq il-post, jarmah, x'hin ilestu jerga' jzarmah u jiehdu lura fil-garaxx. Il-hinijiet kienu dejjem indikati minn Brian Micallef, mit-Tnejn sal-Hadd skont l-events. Kien jindikalu wkoll il-postijiet fejn kellu mmur u kien ukoll johrog il-permessi u l-pjanta jimmarkalhom fuq il-pjanta fejn irid jintrama. Bhala xoghol kien maqsum fi tnejn li jmorru jarmaw il-vann u jaraw x'ghandu bzonn jekk jieqaf il-generator, u li setgha jbiegh il-prodott u s-servizzi tal-Melita. Dwar it-tielet kriterju l-makkinarju, l-ghodda u l-materjal li kien nahdem bihom kienu kollha pprovduti mill-Melita, apparti l-fuel li kien thallas ghalih biex jixtrih hu, u l-fatt li ma kellux vettura moghtija mill-Melita ghax kien juza' l-vettura personali tieghu pero` t-trailer, l-imwejjed, is-siggijiet, u l-generator kienu kollha tal-Melita. Dwar ir-raba’ kriterju r-rikorrenti xehed li bhala schedule kienu johorguha l-Melita, kienu ituh l-hin fi xhin irid imur bil-vann, xhin irid jarmah u xhin jigbru. Il-hinijiet kienu jvarjaw skont l-event li jkollhom ghax gieli kien hemm events per ezempju matul il-weekends. Ix-xhud kien jarma t-trailer fuq il-post kif jindikawlu huma. Dwar il-hames kriterju r-rikorrenti qal li fil-kuntratt kien specifikat li ma jistax jaghmel sub-contracting lil haddiehor u fil-fatt qatt ma ghamel sub-contracting. Ix-xoghol dejjem hu ghamlu u kien jiehu lil missieri biex jghinu minhabba t-toqol. Dwar il-hames kriterju r-rikorrenti qal li huwa integrat fl-istruttura tal-proċess ta’ produzzjoni, l-organizzazzjoni ta’ xogħol jew il-ġerarkija tal- kumpannija jew ta’ organizzazzjoni oħra ghax jekk riedu jarmaw f'xi event u hu ma jmurx, awtomatikament jieqaf x-xoghol. Hu kien responsabbli lejn Brian Micallef li kien il-persuna li jiehu hsieb l-outdoor sales u l-vann. Dwar is-sebgha kriterju r-rikorrenti xehed li l-bicca l-kbira tas-sales kienu jigu minn fuq il-vann. Dwar it-tmien kriterju tal-ligi r-rikorrenti xehed li qabel ma ha il-vann huwa, il-vann kien diga' outsourced lil haddiehor - lil certu Brian Camilleri u fil-fatt hu ha l-kuntratt warajh. llum il-gurnata, Jurgen Agius, impjegat li kien jahdem mal-Melita telaq mill-impjieg mal-Melita biex ha l-vann hu. Meta gie tterminat il-kuntratt ma tawh l-ebda raguni u kull ma rcieva kien sempliciment ittra li ddecidew li jitterminaw l-agreement . Xogholu baqa' jsir minn Jurgen Agius.

Jurgen Agius xehed li kien ilu erbgha snin impjegat mal-Melita u xogholu kien li jissapportja dirett lil Manager tieghu f'kull haga li jkollu bzonn. Huwa baqa` impjegat mal-Melita sa sitt xhur qabel. Ittermina l-kuntratt tieghu ghall-habta ta' Mejju 2012. Ix-xhud qal li telaq ghax kellu opportunita' ahjar u applika ghaliha. Bazikament kienet li jahdem, jiftah kumpannija, u jippromwovi s-servizzi tal-kumpannija. Dawn is-servizzi jinkludu kollox u jmur kullimkien u ghandi n-nies imhaddmin mieghu. Huwa jiehu l-mobile shop fejn jghidulu l-kumpannija. Il-kumpannija tieghu bdiet f'Mejju tal-2012 u t-tim tieghu anke jiehdu hsieb id-door to door. Fl-istess xahar (Mejju) Jurgen Agius kien mal-Melita u fl-istess xahar fetah ghal rasu u beda jaghmel ix-xoghol ta' Mobile shop.

Brian Micallef **,** impjegat mal-Melita xehed li r-rwol tieghu li jiehu hsieb parti mis-sezzjoni tas-sales, dak li jirrigwardja l-outdoor sales. Hu xehed li r-rwol ta' Albert kien li ghandu mobile van li hu proprjeta' tal-Melita u jiehu hsiebu i.e. Jiggaraxxjah, inaddfu, jzommu f'kundizzjoni tajba, jarmah u jzarmah u kien jarmah f'postijiet li jghidulu huma. Ix-xhud ikkonferema li huwa li kien jghid lil Albert l-hin li fih irid jarma u dejjem rama fejn talbitu l-kumpannija. Fiz-zmien li kien involut ir-rikorrenti l-kumpannija kellha mobile

van wiehed. Ix-xhud xehed li dan il-mobile van huwa importanti hafna; bhal setturi ohra tas-sales taghhom; huwa wiehed mill-hwienet li jgib is-sales lil kumpannija. Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrenti ma setax jaghmel sub-contracting. Apparti l-mobile shop, tawh generator u xi speakers ghas-sound. Ix-xhud qal li l-kumpannija kienet tqabbdu kull meta jkun hemm attivita` u kien hemm drabi fejn kien hemm tnejn, jew tlett jew erbgha attivitajiet f'gimgha u kien hemm drabi fejn kien hemm biss tnejn f'xahar. Ix-xhud qal li wara li gie tterminat il-kuntratt mar-rikorrenti hu fittex persuna ohra biex il-vann jibqa' jopera. Kienet decizjoni tal-kumpannija ghax ma baqghux juzaw lir-rikorrenti. In kontro ezami x-xhud qal li dak li kien jinbiegh minn gol-mobile shop kien suplit mill-Melita u li l-istaff li kienu jaghmlu kienu staff tal-Melita. Ix-xhud ikkonfermka li t-trakk li bih kien jigbed il-mobile shop kien proprjeta' ta' Albert, jigifieri petrol u maintenance ghal Albert  u fil-fatt kien parti mill-kuntratt.

Albert Falzon esebixxa l-breakdown tal-hlasijiet kollha li rcieva fil-perjodu limkien imqabbad mal-Melita, esebixxa wkoll dokument li jindika l-introjtu tieghu minn impjieg iehor: minn St. James Hospital. Hu xehed li hu kien ibiegh prodotti u servizzi tal-Melita fuq il-vann i.e. Internet, telephone, mobile u television. Hu qal li kellu grupp ta' nies li kienu jmorru jbieghu waqt dawn l-events li kienu jithallsu bil-commission ukoll u dawn in-nies kien iqabbadhom hu stess, bi ftehim mal-Melita u t-training kien jigi provdut mill-Melita wkoll.

Brian Micallef, Channel Manager fis-Sales Department tal-Melita xehed li r-rikorrenti kien inkarigat jiehu hsieb it-tmexxija tal-vann. Il-mobile van kien jinzamm iggaraxxjat fil-properjeta' ta' Albert u Albert kien igorru bil-vettura tieghu (Suzuki SUV) f'postijiet fejn kienu jarmaw. Barra minn hekk kellhom ukoll van li kien proprjeta' ta' missier ir-rikorrenti  li meta kien ikollhom triq twila biex igorruh kien igorru missieru. Ix-xhud qal li lir-rikorrenti, l-Melita ma kienet ittih xejn hlief il-mobile sales unit. Ghalkemm il-kuntratt fir-realta' kien ma' Albert Falzon, ix-xhud qatt ma kellu oggezzjoni li missier Albert Falzon jiehu hsieb igorr u jarma l-mobile shop unit u fil-fatt gieli kien ix-xhud stess li ghenu izarma u jgorr il-vettura. L-impjegati tal-Melita jikkommunikaw mal-ufficju through e-mail, kuntatt dirett u telephone. L-email address moghti lil Albert Falzon kien provdut mill-Melita imma mhuwiex tal-impjegati tal-Melita u kien address personali tieghu tad-dar - seta' kien gmail etc. Albert Falzon seta' jimla' l-fuel minn fejn ried fil-vettura li jigbed il-mobile van biha. Il-fuel kien parti mill-ammont globali fil-kuntratt li jigbor kollox. Ix-xhud spjega li bhala sales team qeghdin aktar minn dipartiment wiehed u x-xhud jaghmel parti mid-dipartiment u b'kollox forsi jgorr average ta' 10% mis-sales li jsiru mill-Melita. Il-mobile van bejn wiehed u iehor kien jilhaq 20% mit-target personali tax-xhud li kien average ta' 10% mit-target tal-kumpannija. Ix-xhud qal li fl-ahhar tliet jew erbgha xhur, Albert Falzon sempliciment kien iwassal il-mobile van fil-post u joqghod hemmhekk jghid kelma jew jitlaq u jerga' jmur ghall-Mobile Unit. Il-Mobile Unit kien jigi supplit bl-elettriku bil-generator tieghu stess. Kien jahdem bil-petrol li jiehu hsieb igib Albert Falzon li kien parti mill-ftehim. F'attivitajiet bhalma huma festi jew events organizzati mill-Kunsill, ix-xhud kien jirranga sabiex ir-rikorrenti jkollu d-dawl. Bhala maintenance tal-vettura tar-rikorrenti din kienet responsabbilta` tar-rikorrenti stess pero` bhala maintenance tal-Mobile Unit ezempju puncture, r-rikorrenti kien icempel lil persuna li tahdem iha l-kumpannija imbaghad kienet thallas dirett il-kumpannija. Fir-rigward maintenance ta' kuljum ezempju tindif tal-art tal-Mobile Unit din kien f'idejn ir-rikorrenti.

**<u>Sintezi tat-trattazzjoni:</u>**

Il-konsulenti legali tal-partijiet ghamlu trattazzjoni billi kkunsidraw kull sub artiklu tar-Regolament 3 tal-Istandard Nazzjonali dwar l-iStatus tal-Impjegat (L.S. 452.108).

**<u>Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:</u>**

It-Tribunal wara li sema' x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati mill-partijiet ghamel il-kunsiderazzjonijiet tieghu dwar ir-Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.108.

Regolament 3 (1) jghid is-segwenti:

*Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartiklu (2), meta jkun qed jigi kunsidrat l-istatus tal-impjieg ta' persuna illi hija ddikjarata bhala persuna self-employed u li prima facie mhux kunsidrata bhala impjegata, ghandu jitqies li hemm relazzjoni ta' impjieg u li l-persuna ghal min is-servizz huwa provdut hija l-principal u illi d-dispozizzjonijiet tal-Att u tar-regolamenti jew ordni mahruga tahtu japplikaw ghal dik ir-relazzjoni jekk minn tal-anqas hamsa mill-kriterji li gejjin jigu sodisfatti rigward il-persuna li qed taghmel ix-xoghol:*

*(a) Hija tiddependi minn persuna wahda ghal min is-servizz qed jigi provdut ghal miill-inqas 75% tad-dhul f'perjodu ta' sena;*

It-Tribunal jirrimarka li dwar dan il-kriterju r-rikorrenti pprezenta dokumenti mad-dikjarazzjoni tal-kaz li juru l-introjtu tieghu minn mas-socjeta` intimata, minn mal-Go Mobile u minn mal-Buskett Roadhouse. Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jirreferi ghal introjtu minn mas-socjeta` intimata u minn mal-isptar St. James. Hawnhekk it-Tribunal jirrimarka illi l-informazzjoni li inghatat fid-dokumenti pprezentati u li inghatat fix-xhieda ma jaqblux. It-Tribunal jirrimarka ukoll illi, hekk kif gie sollevat tajjeb mill-kumpannija, ma giet ipprezentata l-ebda dokumentazzjoni konklussiva dwar id-dhul f'perjodu ta' sena tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti ukoll irrefera illi kien jithallas ghall-bejgh pero` d-dokument li juru l-invoices mibghuta lis-socjeta` intimata ma jirreferux ghal liema servizzi qed jirreferu.

*(b) Hija tiddependi fuq il-persuna ghal min is-servizz qed jigi provdut biex jigi stabbilit liema xoghol irid isir u fejn u kif ix-xoghol li gie assenjat irid jitwettaq;*

It-Tribunal jirrimarka li hareg car mix-xhieda u mid-dokumenti li l-hinijiet tax-xoghol u l-post fejn ghandu jintrama' l-mobile shop kien jinghata mill-kumpannija.

*(c) hija taghmel xoghol permezz ta' makkinarju, ghodda u materjali provduti mill-persuna ghal min is-servizz ikun qed jigi provdut;*

It-Tribunal jirrimarka illi hawn jidher li hawn kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar l-interpretazzjoni ta' dan is-sub regolament. It-Tribunal jaghmel referenza ghal Annex 1 tal-kuntratt bejn il-partijiet fejn huma stipulati s-servizzi tar-rikorrenti, fosthom

> *'To tow the Mobile Shop Trailer, using his personal vehicle, to and from places and at times as determined by the Company.'*

Ghalkemm il-Mobile Shop Trailer huwa proprejta` tal-kumpannija, huwa car li l-makkinarju sabiex isir ix-xoghol, li huwa dak ta' *'towing the Mobile Shop Trailer'* huwa tar-rikorrenti u cjoe` l-vettura personali tieghu. Skont klawsola 5 (h) tal-istess kuntratt, ir-rikorrenti kellu obbligi ohra fejn jintuzaw makkinarji, ghodda jew materjali ohra minnu stess, inkluz, polza ta' assikurazzjoni , garaxx ghall-Mobile Shop Trailer meta dan ma jkunx qed jintuza, kif ukoll responsabbilta` ghall-*running costs* tal-*generator* inluz il-*fuel* sabiex dan jithaddem. L-ispejjez tal-vettura personali kienu ukoll a kariku tar-rikorrenti. F'relazzjoni ta' impjieg, meta vettura tintuza ghal skopijet ta' xoghol, l-assikurazzjoni, il-fuel u running costs ghaliha jithallsu mill-principal ghaldaqstant hawnhekk jidher li fir-rigward ta' dan il-kriterju ma kienx hemm l-intenzjoni sabiex ir-relazzjoni tkun wahda ta' impjieg.

> *(d) Hija tkun soggetta ghal skeda ta' hin tax-xoghol jew ghal perjodi ta' hin minimu ta' xoghol stabbilit mill-persuna ghal min is-servizz qed jigi provdut;*

Dwar dan il-kriterju t-Tribunal jaqbel mar-rikorrenti illi huwa kien soggett ghal skeda ta' hin tax-xoghol. Fil-fatt dan il-kriterju huwa ukoll stipulat fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet.

> *(e) Hija ma tistax taghmel sub-contracting tax-xoghol taghha lil individwi ohra floku meta jitwettaq dan ix-xoghol;*

Dwar dan il-kriterju ir-rikorrenti kkontenda illi huwa ma setax jaghmel sub-contracting pero` mix-xhieda hareg car li missier ir-rikorrenti kemm-il darba ghen f'dan ix-xoghol. Referenza ssir ghall-Klawsola 3 (a) tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet fejn huwa stipulat li l-kumpannija tirriserva d-dritt li tittermina l-kuntratt fil-kaz illi l-kuntrattur ma jkunx jista' jaqdi d-dmirijiet tieghu ghal perjodu ta' 15-il gurnata. Ghaldaqstant huwa car illi r-rikorrenti ma setax jaghmel *sub-contracting* tax-xoghol tieghu.

> *(f) Hija persuna integrata fl-istruttura tal-process ta' produzzjoni, l-organizzazzjoni ta' xoghol jew il-gerarkija tal-kumpannija jew ta' organizzazzjoni ohra;*

Ir-rikorrenti kkontenda illi minhabba l-Mobile Shop kien l-unika wiehed li l-kumpannija kellhom jekk ma kienx ir-rikorrenti li johrog bih minhabba li kellhom lil hadd izjed johrog bih, allura hija ovvja illi huwa jifforma parti ntegrali mill-produzzjoni tal-kumpannija.  L-argument migjub mis-socjeta` intimata huwa li ghalkemm hija taghmel ix-xoghol minn go dan il-Mobile Shop il-garr ta' trailers mhuwiex ix-xoghol tal-istess socjeta` u hawnhekk it-Tribunal jerga' jenfasizza li l-kuntratt ta' bejn il-partijiet kien servizz ghall-garr tal-Mobile Shop u mhux ghall-bejgh tas-servizzi tal-kumpannija. Fid-dikjarazzjoni tieghu r-rikorrenti

jghid li illi inizzjalment il-kuntratt bejnu u bejn is-socjeta' intimata kellu jkun ta' €35,000 fis-sena sabiex ikopri l-ispejjez tal-petrol ghall-van personali tieghu u ghall-generator, il-paga tieghu biex jiehu l-Mobile Shop Trailer minn post ghall-iehor, biex izommu fil-garage tieghu, il-pagi ta' 4 min-nies sabiex ihaddimhom bhala promoters ghas-socjeta' intimata, pero din l-idea ma kinitx giet accettata u ghalhekk il-kuntratt li kien gie iffirmat eventwalment kien ikopri biss il-Mobile Shop Trailer u dawk l-affarijiet relatati mieghu bhal-petrol u l-garage. Ir-rikorrent kompla jghid illi xorta wahda kien jghinhom isibu n-nies biex jahdmu ghas-socjeta' intimata bhala promoters, pero fuq bazi ta' commission u mhux paga kif kienet il-proposta inizzjali tieghu. Ir-retail sales manager, Brian Micallef, sahansitra kien jinfurmah fuq is-sales targets li kien ikollhom ghal certu events sabiex ikun jista' jghinu jsib promoters ghal dawk l-events. Permezz ta' din id-dikjarazzjoni tohrog aktar cara illi xoghol ir-rikorrenti ma kienx li jbiegh pero` li jirmonka l-Mobile Shop. Brian Micallef xehed li fl-ahhar ftit xhur ir-rikorrenti sempliciment kien iwassal il-mobile van fil-post u joqghod hemmhekk jghid kelma jew jitlaq u jerga' jmur ghall-Mobile Unit. It-Tribunal jaghmel ukoll referenza ghall-kaz *Stevenson, Jordan and Harrison Ltd. V. Macdonald and Evans* (1952) 1 TLR 101 fejn inghad illi *'under a contract of service a man is employed as part of the business but under a contract for services his work, although done for the business, is not integrated into it but only accessory to it.'* Ghaldaqstant fir-rigward ta' dan il-kriterju t-Tribunal iqis illi l-argumenti tal-kumpannija ireggu aktar minn dawk mressqa mir-rikorrenti.

*(g) L-attivita` tal-persuna hija element centrali fl-organizzazzjoni u t-twettiq tal-ghanijiet tal-persuna ghal min is-servizz qed jigi provdut; u*

It-Tribunal hawn jerga' jaghmel referenza ghas-servizzi li kienu regolati permezz tal-kuntratt bejn il-partijiet li kienu ta' garr tal-Mobile Shop. Ghalkemm mix-xhieda rrizulta illi dan il-Mobile Shop huwa sors ta' bejgh important ghall-kumpannija tant li jqisuh important daqs kull hanut iehor taghhom, ta' min izomm f'mohhu illi r-rikorrenti ma kienx qed ibiegh servizzi pero` kien jirmonka l-Mobile Shop, jarmah, inaddfu u jmantnih.

*(h) Hija taghmel xoghlijiet simili tal-impjegati ezistenti jew, fil-kaz ta' meta x-xoghol jigi outsourced, hija taghmel xoghlijiet simili ghal dawk li kienu jkunu mwettqa qabel minn impjegati.*

Ir-rikorrenti kkontenda illi f'dak iz-zmien illi hu gie ngaggat mill-kumpannija fuq dan il-kuntratt ta' self-employed, kien hemm certu Jurgen Agius li xehed li kien impjegat mal-Melita, li fil-fatt parti minn xogholu kien li jassisti fil-bejgh minn dan il-mobile shop. Hawnhekk it-Tribunal jerga' jaghmel referenza ghall-fatt illi l-kuntratt kien wiehed ta' garr tal-Mobile Shop mhux ta' bejgh ta' servizzi. Ir-rikorrenti ukoll ifferera ghall-fatt li wara li gie tterminat il-kuntratt tieghu Jurgen Agius telaq minn mal-kumpannija u fetah kumpannija sabiex hu jaghti l-istess servizzi li kien jaghti r-rikorrenti lill-kumpannija. It-Tribunal ma jidhirlux li dan huwa fatt rilevanti stante illi kif diga` intqal Jurgen Agius kien involut fil-bejgh fis-servizzi filwaqt li r-rikorrenti kien ingaggat sabiex igorr il-Mobile Shop minn post ghall-iehor.

It-Tribunal jirreferi ghall-kunsiderazzjonijiet li huma uzati fil-gurisprudenza Ingliza sabiex jigi determinat l-istatus tal-impjegat. Il-legislatur Malti pero` mar pass oltre minn dak Ingliz u ddecieda li dawn il-

kunsiderazzjonijiet jikkodifikhom pero` huwa ghaqli li ssir referenza ghal dak li intqal mill-Qorti Ingliza fil-kaz *Hall (Inspector of Taxes) v. Lorimer* [1994] IRLR 171: *'The whole picture has to be painted and then viewed from a distance to reach an informed and qualitative decision on the circumstances of the particular case.'* It-Tribunal hass li din hija kunsiderazzjoni importanti ghaliex ghalkemm il-legislazzjoni Maltija taghti lista ta' tminn kriterji, kull parti tista' targumenta li kriterju huwa sodisfatt jew le, hekk kif fil-fatt gara fil-kaz odjern.

**Decizjoni**

Abbazi tal-kunsiderazzjonijiet tieghu, t-Tribunal jiddeciedi illi r-rikorrenti ma jissodisfax hamsa mill-kriterji tar-Regolament 3(1) tal-iStandard Nazzjonali dwar l-iStatus tal-Impjieg u ghaldaqstant ma jiddikjarax illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet hija wahda ta' impjieg indefinit. Ghaldaqstant it-Tribunal jirrifjuta t-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom.

**Drittijiet**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet f'dan il-każ għal €93.17 kull wieħed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviż Legali Numru 48 tal-1986.

B'hekk jintemm dan il-każ.

(iffirmat)
Dr Charmaine Cristiano Grech
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju